# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 2**

**Avviz numru 371/02/SM**

**Dhalia The Strand Limited**

**vs**

**Carmelo Gauci Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef tlett mija u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM3,340.45,0) rapprezentanti l-estate agency fee lilha dovuti in konsiderazzjoni ta trasferiment tal-flat Flat 3, Ghazzenin Seafront, St. Paul's Bay;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-19 t'Ottubru 2001 u l-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fid-9 ta' Lulju tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**